**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 13**

**Data:** **20 ta' Mejju, 2020**

**Hin:** **10.19am**

**Post:** Ko-ordinata mill-Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb permezz tas-sistema Teams

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**13.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

13.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.2.1 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13.3.1 Is-Sindku ferah lill-kunsillier Joseph Mizzi ghal wild li ghadu kif kellhom fil-familja.

13.3.2 Is-Sindku spjega li kif diga gie diskuss fil-laqgha precedenti dwar l-EPOS ghall-pagamenti bil-cards, din ghadha kif giet installata l-bierah u huwa ssugerixxa sabiex il-Kunsill jibda' jippromwovi l-uzu tal-pagamenti bil-cards. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

13.3.3 Is-Sindku aggorna lill-membri dwar il-hsara li kienet iggarbet fi Triq ta' Sdieri. Gie spjegat li dwar din il-hsara kienet intbghatet korrispondenza lill-Ministeru ghal Ghawdex u mir-risposta li hadna jidher li qed ikun diskuss ix-xoghol mehtieg biex

issir il-manutenzjoni. Tonio Mifsud staqsa jekk dan ix-xoghol huwiex ser isir min-naha tal-Ministeru ghal Ghawdex. Is-Sindku ta' spjegazzjoni dwar x'jinvolvi x-xoghol mehtieg u kif igabret il-hsara. Is-Sindku qal li din il-hsara l-ewwel li tfaccat kienet fl-2014 u bija kien innotifikat il-Ministeru ghal Ghawdex peress li x-xoghol tar-resurfacing kien sar mill-istess Ministeru. Tonio Mifsud staqsa jekk jistghu jghaddu t-trakkijiet. Dwar dan gie spjegat li qabel kien hemm tabelli sabiex trakkijiet ma jghaddux pero' meta saret il-Pjazza principali kien gie deciz mill-Kunsill li fil-pjazza ma jghaddux trakkijiet u ghalhekk kellhom jduru lejn Triq ta' Sdieri. Gie innotat ukoll li l-arkata nfisha hija f'kundizzjoni tajba peress li meta sar ix-xoghol kien sar ippakkjar tajjeb.

13.3.3 Gie diskuss il-kuntratt tad-dawl tat-toroq fejn is-Sindku qal li jezisitu zewg tipi ta' kuntratti wiehed ghad-dawl tat-toroq LED u l-iehor ghall-manutenzjoni tad-dawl dekorattiv bhal ma' huma l-fanali tal-pjazza. L-ewwel kuntratt imsemmi kien iffirmat mill-Kumitat Regjonali t'Ghawdex li huma responsabbli mill-hlas tal-hsarat filwaqt li t-tieni wiehed kien ukoll iffirmat mir-Regjun snin ilu f'isem il-Kunsill individwali pero' dan kien skadut u ghaldaqstant irid jinhareg wiehed gdid. Is-Sindku qal li bhala Kumitat Regjonali kien interessat li tali kuntratt jinhareg ghall-Kunsilli Lokali Ghawdxin flimkien ghal dawk il-Kunsilli li huma nteressati. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja kien hemm qbil unanimu li ghandu jinghaqad mall-Kunsill Lokali l-ohra u tinhareg l-offerta' wahda.

13.3.4 Giet imsemmija it-token li tqassmet ghal Jum l-Omm fejn gie innotat li din kienet apprezzata u ghaldaqstant is-Sindku ssugerixxa li ghandha tinghata xi haga simili ghal Jum il-Missier. Joseph Mizzi qal li dan il-gest ta' Jum l-Omm kien sabih u apprezzat minn hafna pero' huma xtaq li minghajr ma jinstema hazin jinnota li l-messagg kellu jkun aktar generiku. Saret diskussjoni dwar dan is-suggett u l-Kunsill qabel li n-nies irrealizzaw li dan kien gest li gej mill-Kunsill.

13.3.5 Is-Sindku qal li kien mehtieg li ssir talba ghad-devoluzzjoni ghal area ta' Wied tal-Knisja sabiex l-Awtorita' ta' l-Ippjanar tkun tista' tipprocedi bl-applikazzjoni. Is-Sindku zied jghid li fiz-zona li hemm din l-applikazzjoni fl-ewwel legislatura tal-Kunsill kien sar suggeriment li din iz-zona tigi trasformata f'gnien. Joseph Mizzi staqsa jekk l-art in kwistjoni hijiex tal-privat fejn is-Sindku qal li din hija propjeta' tal-Gvern Centrali u mhux tal-privat. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku spjega li fil-passat il-Kunsill kien applika ghal diversi siti ta' art li hija propjeta' tal-Gvern Centrali sabiex ma jibqax jithallas kera fuqhom jew jinghtaw b'qbila biex dawn ikunu jistghu jintuzaw ghall-progetti tal-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li ghandu jmexxi b'applikazzjoni ghal devoluzzjoni ta' din l-art sabiex isir gnien fiha.

13.3.6 Is-Sindku semma l-progett tan-Night Shelter li dan sar bejn tlett partijiet il-Kunsill, il-Banda u s-Segretarjat ghall-Anzjanita' Attivita' u l-Persuni b'Dizabilita'. Is-Sindku ssugerixxa li peress il-Kunsill kien imdahhal f'dan il-progett ghandu jghin lill-Banda fil-manutenzjoni u fit-tindif tal-post. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jaghti l-appogg kollu mehtieg.

## 13.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

13.4.1 Gew trattati zewg mistoqsijiet minghand Joseph Mizzi. L-ewwel mistoqsija kienet titratta dwar il-bus shelter ta' Triq Mongur fejn huwa staqsa kif ghadu ma sarx ix-

xoghol li kellu jigi implimentat. Is-Sindku spjega li kienet saret applikazzjoni mad-dipartiment tal-Kunsill Lokali pero' fil-prezent kien hemm diskwit bejn il-kumpanija li tiehu hsieb il-bus shelters u l-Gvern u ghaldaqstant ix-xogholijiet f'dan ir-rigward kienu waqqfu. Gie spjegat ukoll li l-permess tal-bus shelters bhal kull permess iehor jibqa' attiv ghal hames snin.

13.4.2 Giet trattata t-tieni mistoqsija minghand Joseph Mizzi fejn staqsa dwar ir-Risk Assessmenents tal-Playing Fields jekk dawn sarux. Gie spjegat li dawn qeghdin isiru mill-Inginier u kif ikunu lesti ser jigu diskussi waqt il-laqgha tal-Kunsill.

**13.5 Korrispondenza u Rapporti**

13.5.1 Giet trattata korrispondenza fir-rigward ta' Sqaq nru. 2 fi Triq l-Isqof M. Molina. Gie spjegat li t-Transport Malta kienet irceviet ilment minghand resident ta' dan l-isqaq fejn kien talab li l-isqaq ikun no parking. Min-naha tal-Kunsill kienet intbghatet korrispondenza lir-residenti u sidien ta' propjeta' f'dan l-isqaq biex juru l-fehma taghhom. Sal-hin tal-laqgha mir-risposti li kienu waslu apparti jidher li l-maggorranza kienu kontra li dan isir no parking u riedu li jibqa' kollox kif inhu fil-prezent. Il-Kunsill kompla jiddiskuti dan il-kaz u qabel li l-isqaq ghandu jibqa' kif inhu fil-prezent peress li din hija x-xewqa tar-residenti.

13.5.2 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni quddiem l-Awtorita' ta' l-Ippjanar: PA/02567/20, PA/02807/20, PA/01299/20, PA/02408/20, PA/02548/20 u PA/02507/20. Il-Kunsill ma sab ebda oggezjoni ghal dawn l-applikazzjonijiet.

Is-Sindku innota lill-membri li fil-laqgha precedenti kienet giet diskussa applikazzjoni fi Sqaq fi Triq Trux fejn il-Kunsill kellu informazzjoni li din kienet ser tinbidel f'Bed and Breakfast pero' fir-realta' dan mhux minnu.

**13.6 Xogholijiet fit-toroq**

13.6.1 Is-Sindku spjega li fir-rigward ta' xogholijiet fit-toroq kien hemm ftit pero' l-kuntrattur kien applika ghall-permessi mehtiega. Gie spjegat li min-naha tal-kumpanija GO kellhom isiru ukoll xi xogholijiet fil-parti ta' fuq ta' Triq Birbuba kantuniera ma' Triq Mongur. Mill-parti ta' Triq Mongur ghal Triq Virtut isiru xi xogholijiet min-naha tal-Water Services Corporation.

13.6.2 Is-Sindku semma ukoll il-parti ta' quddiem ic-cimiterju fi Triq San Pietru li hija miksura u fuq da nil-punt huwa ssugerixxa li ssir bil-paving jew bis-siment bl-ixkupa li f'dan il-kaz tkun tista' ssir mill-haddiema tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma dan ix-xoghol u ghaldaqstant ghandha tintalab stima tax-xoghol. Tonio Mifsud semma ukoll dwar il-hsara li kien hemm fil-parti l-gdida ta' Triq San Pietru fejn gie spjegat li l-kuntrattur gie ikkuntatjat sabiex isewwi t-triq u jekk jibqa' ma jsirx ghandhu jsir ix-xoghol mill-kuntrattur il-gdid u jitnaqqas mill-kont tal-kuntrattur precedenti.

**13.7 Festa 2020**

13.7.1 Minhabba s-sitwazzjoni tal-pandemija prezenti, l-festa tar-rahal mhux ser tkun qeghda ssir bhas-soltu. Ghaldaqstant is-Sindku hareg bl-ideja li l-Kunsill jiehu inizjattiva sabiex iheggeg lir-residenti sabiex itellghu jew johorgu bnadar barra. Il-

Kunsill qabel unanimament li ghandu jikkontribwixxi sabiex ikunu provduti l-bnadar. Huwa ssugerixxa ukoll li fir-rigward tal-banner ta' Triq l-Gharb kien tkellem mall-Ambaxxatrici taz-zghzagh sabiex dan jinbidel ghal kull Sibt tal-Madonna. Huwa qal li din kienet laqghet is-suggeriment tas-Sindku u kienet lesta tikkallabora flimkien ma' zghazagh ohra li kienu ser jippreparaw banner ghal kull Sibt. Fuq dan il-punt is-Sindku qal li kien ghadu kemm wasal id-draft ta' l-ewwel banner u gie muri lill-membri tal-Kunsill liema banner inghogob u gie approvat mill-Kunsill. Gew diskussi dawn is-suggerimenti u l-Kunsill qabel maghhom li ghandhom jittiehdu.

Tonio Mifsud issugerixxa li jigi avvicinat il-kumitat tal-festa sabiex minkejja li mhux ser issir il-festa dawn jintalbu li jsir xi armar fi zmien il-festa. Is-Sindku qal li dawn iridu jimxu taht id-direttivi tal-djocesi u ghaldaqstant mhix xi haga li jista' jghid il-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa kien ikkomunika ma' l-Arcipriet sabiex fuq l-ispeakers li hemm madwar il-lokalita' jindaqqu xi marcijiet / innijiet tal-festa pero' dan kien infurmah li din l-inizjativa ma jistax jippartecipa fiha ghaliex ir-regolamenti tad-djocesi ma jippermettux dan filwaqt li halla lill-Kunsill fil-liberta' li jaghmel dan. Ghaldaqstant is-Sindku ssugerixxa li tigi kkuntatjata direttament il-Profs. Gauci jew inkellha jibdew b'Sibt wiehed u tara x'jigri. Is-Sindku qal li huwa offra lill-Arcipriet l-ghajnuna tal-Kunsill fl-attivitajiet tal-festa minghajr ma jigu involuti hafna persuni.

13.7.2 Is-Sindku zid jghid li flimkien ma' l-Arcipriet qed jesplora il-possibilita' li l-festa ghandha tixxandar fuq il-mezzi socjali b'mod promenenti kif ukoll qal li kieku jkun sew li jinstab stazzjon tat-televizjoni u l-Kunsill jaghmel l-arrangamenti mehtiega biex din tkun possibli. Tonio Mifsud issugerixxa li ghaz-zmien tal-festa jigu mxandra videos tal-festi precedenti sabiex inzommu l-atmosfera. Is-Sindku qal li huwa ghandu laqgha tal-Kumitat tal-Banda u f'din il-laqgha kien ser jiddiskudi dwar il-possibilita' li jindaqq musical fuq poezija li kienet inkitbet minn persuna mill-Gharb fl-okkazjoni ta' Jum l-Gharb 2019. Huwa zied jghid li din tista' tkun ta' orkestra zghira maghmula minn sitt persuni. Is-Sindku ssugerixxa li din issir il-Hamis tal-festa fejn normalment f'din il-gurnata l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ttella' l-kuncert taghha. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie ssugerit li jigu kkuntatjati stazzjonijiet tat-televizjoni lokali biex jixxandru fuqhom. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill jista' jikkuntatja lill-Arcipriet sabiex dawn l-attivitajiet jigu nkluzi fuq il-program tal-festa.

13.7.3 Joseph Mizzi staqsa jekk jistax isir xi projection bhal ma kien ser isir ghal Jum l-Omm. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ipprova sabiex jara ssirx projection fuq il-Knisja jew fis-sema pero' din ma kiex possibli. Min-naha l-ohra huwa qal li l-Kumitat tal-festa kienu qeghdin jippreparaw il-feature tas-soltu. Huwa ssugerixxa li l-Kunsill ghandu jaghtihom is-sapport pero' jhallihom jaghmlu dan huwa bhas-soltu. Fuq dan il-punt Joseph Mizzi ssugerixxa li ssir xi haga li tkun tista' tkun visibbli minn fuq il-camera tal-Pjazza. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jimxi pass pass u jara kif is-sitwazzjoni ser tisvolgi.

13.7.4 Is-Sindku ssugerixxa ukoll li jinxtraw maskli c-certifikati fejn tinhareg skema li jekk persuna tixtri maskla tiehu tnejn. Tonio Mifsud qal li dawn m'ghandhomx ikunu *disposable*. Is-Sindku qal li l-prodott ghandu jkun genwin, ta' kwalita' tajba u certifikat. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjoni u jara xi prezzijiet ser isib.

## 13.8 Bye-Laws

13.8.1 Saret referenza ghall-bye-laws li gew approvati mill-Kunsill fil-laqgha precedenti u li dawn qeghdin ghand l-avukat tal-Kunsill sabiex jitkompla l-process fuqhom. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandu jitkompla l-process mehtieg fuq dawn il-bye-laws. F'dan ir-rigward is-Sindku ssugerixxa bye-law ohra li tirrigwardja l-wires tad-dawl ghar-raguni li minkejja li hemm entitajiet li jikkollaboraw mall-Kunsill hemm ohrajn li ma jikkollaborawx u ghaldaqst madwar ir-rahal qed nispiccaw b'hafna wires inutli b'tahwid shih. Huwa zied jghid li kien ghamel kuntatt mall-Kunsill fejn l-avukat tal-Kunsill kienet sabiet li kienet diga tezisti bye-law simili fuq dan is-suggett liema bye-law kienet intbghatet precedentament lill-membri permezz ta' l-email. Il-Kunsill iddiskuta din il-bye-law u qabel unanimament li ghandu jipprocedi sabiex jintroduciha fil-lokalita' tieghu ukoll.

## 13.9 Kwotazzjonijiet

13.9.1 Gie spjegat li l-Kunsill kien hareg tlett kwotazzjonijiet li kienu ghat-transport, kera ta' PA u dawl waqt l-attivitajiet u regghet hareg l-offerta tac-CCTV cameras fil-lokalita'.

Fir-rigward tal-kwotazzjoni tat-transport gie spjegat li kienet giet sottomessa offerta wahda biss li kienet mill-kuntrattur li kien joffri s-servizz precedentament. Il-Kunsill iddiskuta din il-kwotazzjoni u qabel li din ghandha tinghata lill-kuntrattur li ssottometta l-unika offerta.

Fir-rigward ta' l-offerta tal-PA u dawl ghal waqt l-attivitajiet kienu gew sottomessi sitt applikazzjonijiet fejn kienu intalbu xi kjarifiki mill-bord u li l-Kunsill kien qed jistenna r-risposti. Ghaldaqstant dawn ser jergghu jigu diskussi.

Fir-rigward tal-kwotazzjoni tal-CCTV Cameras kienet giet sottomessa offerta wahda li kienet minghand l-istess kuntrattur precedenti pero' bi prezzijiet aktar vantaggjuzi. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha tinghata din il-kwotazzjoni lill-kuntrattur li ssottometta l-kwotazzjoni u jibda' bid-diskussjonijiet mieghu sabiex jipprocedi bl-installazzjoni.

## 13.10 Materji ohra

13.10.1 Is-Sindku qal li jekk ir-restrizzjonijiet ser jibqghu huwa ppropona li jsiru korsijiet online. Fuq dan il-punt Joseph Mizzi staqsa jekk il-kors Ghaqal fid-dar fejn is-Sindku spjega li dan il-kors ma kienx organizzat mill-Kunsill u ghaldaqstant il-Kunsill irid jistaqsi lilhom. Huwa zied jghid li sadanittant il-Kunsill kien qieghed jara kif jinholoq e-account sabiex issir sistema online ta' applikazzjonijiet. Miriam Borg qalet li jistghu jsiru korsijiet b'differenza. Is-Sindku stieden lill-membri sabiex jekk jixtiequ jinkludu xi korsijiet ohra dawn ghandhom jinfurmaw lis-Segretarju Ezekuttiv

13.10.2 Is-Sindku qal li l-app tal-Kunsill qeghda tigi kkrejata u li l-probabilita' hija li din tkun lesta sa nofs Gunju. Kif tkun lesta l-Kunsill ser jara preview taghha u wara jiddeciedi meta ssir il-launch taghha. Huwa zied jghid li din dejjem tkun tista' tigi upgraded u tizdied aktar informazzjoni fuqha. Huwa stieden lill-Kunsilliera sabiex

jaghmlu s-suggerimenti taghhom.

13.10.3 Is-Sindku qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien hareg il-linji gwida dwar il-Covid-19 fejn huwa spjega li l-haddiema kienu gew provduti b'dak kollu necessarju.

13.10.4 Is-Sindku semma s-seven seater van tal-elettric li l-Kunsill kien diga qabel li tinxtar. Is-Sindku qal li l-prezzijiet tas-second hand u tal-godda huwa simili fejn dawn jiswew madwar €33,000. Huwa zied jghid li hemm il-possibilita' li tinxtara van fejn wiehed ikun jista' jidhol b'wheel chair. Jekk il-Kunsill jaghzel din ser tkun tiswa aktar u l-Kunsill ikun irid johrog offerta' peress li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ma kienx ta l-approvazzjoni li din tinxtara *Direct Order*. Is-Sindku qal li nistghu nohorgu offerta ghal van bil-lifter u minghajr. Tonio Mifsud qal li huwa ta' l-opinjoni li ghandu jinxtara van bil-lifter. Is-Sindku qal li possibilita' ohra huwa li l-van tithallas bin-nifs u mhux f'salt wiehed u l-Kunsill jara li tithallas fil-legislatura kurrenti. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandha tinhareg l-offerta ghal van bil-lifter u minghajr.

13.10.5 Saret referenza ghall-maskli li qeghdin jintefghu fit-triq u ghaldaqstant ikun hawn il-hmieg. Is-Sindku ssugerixxa li jitpoggew bins temporanji fejn il-hwienet sabiex il-klijenti jarmu dawn il-maskli gewwa fihom u mhux fl-art. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

**13.11 Skeda ta' Pagamenti**

13.11.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**13.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

13.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 18 ta' Gunju, 2020 fl-10AM.

13.12.2 Il-laqgha spiccat fil-11.35pm

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv